

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Ġunju 2020 – VDV eTicket Service vs Il-Kummissjoni u INEA(Kawża T-516/19) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta’ arbitraġġ – Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ‘Horizon 2020’ (2014-2020) – Proġetti ‘European Travellers Club: Account-Based Travelling across the European Union – ETC’ – Ftehim ta’ għotja – Deċiżjoni tal-INEA li tiddikjara inelgħibbi ġerti spejjeż sostnati fil-kuntest ta’ kuntratti ta’ subappalt – Identifikazzjoni żbaljata tal-konvenut – Att li jaqa’ f’kuntest purament kuntrattwali li huwa inseparabbli minnu – Aspettattivi leġġittimi – Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)

(2020/C 262/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: VDV eTicket Service GmbH & Co. KG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Bartosch, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pethke u M. Siekierzyńska, aġenti), Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (rappreżentanti: I. Ramallo u P. Rosa Plaza, aġenti, assistiti minn R. van der Hout u C. Wagner, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tiġi kkonstatata l-illegalità tan-nuqqas ta’ rikonoxximent, mill-ittra tal-INEA Ares(2019)3151305 tat-13 ta’ Mejju 2019, ta’ spejjeż li jammontaw għal EUR 407 443,04 fil-kuntest tal-Programm “Horizon 2020” u, min-naħħa l-oħra u sussidjarjament, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-istess ittra sa fejn din iddikjarat inelgħibbi l-imsemmija spejjeż li jammontaw għall-imsemmi ammont.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud parzjalment bħala inammissibbli u parzjalment bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) VDV eTicket Service GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 319, 23.9.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Ġunju 2020 – Perfect Bar vs EUIPO (PERFECT Bar)(Kawża T-563/19) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva PERFECT Bar – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Deċiżjoni meħuda wara l-annullament ta’ deċiżjoni preċedenti mill-Qorti Ĝeneralni – Artikolu 72(6) tar-Regolament 2017/1001 – Rikors manifestament nieqes minn kull bażi legali”)

(2020/C 262/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Perfect Bar LLC (San Diego, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: F. Mazzetto, J. L. Gracia Albero, R. Seoane Lacayo u E. Cebollero González, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Capostagno, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Ġunju 2019 (Każ R 372/2019-5) dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal figurattivi PERFECT Bar bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miħċud bħala manifestament nieqes minn kull bażi legali.
- 2) Perfect Bar LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 337, 7.10.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Ġunju 2020 – etc-gaming u Casino-Equipment vs Il-Kummissjoni (Kawża T-803/19) (¹)

("Rikors għad-danni – Nuqqas tal-Unjoni li tadotta rimedju effettiv adatt sabiex tirrimedja nuqqas ta' grati nazzjonali milli jippreżentaw domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja – Ksur suffiċċientement serju ta' līgi li tikkonferixxi drittijiet lil inividwi – Rikors manifestament infondat fid-dritt")

(2020/C 262/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: etc-gaming GmbH (Vjenna, 1-Awstrijja) u Casino-Equipment Vermietungs GmbH (Vjenna) (rappreżentant: A. Schuster, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, G. Braun u L. Malferrari, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba nuqqas tal-Unjoni Ewropea li tadotta rimedju effettiv adatt sabiex tirrimedja nuqqas ta' grati nazzjonali milli jippreżentaw domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) etc-gaming GmbH u Casino-Equipment Vermietungs GmbH huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 45, 10.2.2020.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2020 – WT vs Il-Kummissjoni (Kawża T-91/20)

(2020/C 262/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: WT (rappreżentanti: G. Pandey u V. Villante, lawyers)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea